## PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT

Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 15.03.09: IT-TIELET ĦADD TAR-RANDAN.**

**IT-TNEJN, 16.03.09: LAQGĦA TA' TALB MILL-IRĠIEL**

**Fis-6.30p.m.** se ssir il-laqgħa ta' Talb mill-Irġiel kollha. Din se tkun fil-knisja . Wara l-quddiesa ta' filgħaxija. Nistiednu lill-Irġiel kollha jattendu biex iktar nidħlu fl-ispirtu tar-Randan Imqaddes.

**IT-TLIETA, 17.03.09: Fis-6.30p.m.** issir l-Laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla (Lectio Divina). Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.



**IL-ĦAMIS, 19.03.09: SOLENNITA' TA' SAN ĠUŻEPP GĦARUS TAL-VERĠNI MARIJA.**

Nagħmel appell biex nieħdu sehem fil-quddiesa f'din il-ġurnata għażiża.

Il-quddies illum se jkun bħal nhar ta' xogħol, pero' jkun hawn quddiesa oħra fil-**11.00a.m.**

Illum nagħmlu l-pellegrinaġġ għas-santwarju ta' San Ġużepp fil-Qala. Ix-xarabank titlaq mill -pjazza tal-Knisja fin-**12.30p.m**. Ikun hemm quddiesa.

**IL-ĠIMGĦA, 20.03.09:** Wara l-quddiesa ta' fil-għaxija jkun hawn il-Via Sagra meditata.

**IL-ĦADD, 22.03.09: IR-RABA' ĦADD TAR-RANDAN.**

**ŻJAJJAR FIL-ĦWIENET**.

Bi tkmplija tal-Missjoni Djoċesana, matul ir-Randan, xi saċerdoti u membri ta' l-Għaqdiet se jżuru l-ħwienet u l-każini, biex jitkellmu mal-klienti. Għalhekk din il-gimgħa se jżuru l-ħanut "Maria's Bar" fis-7.30p.m. u fil-Każin tal-Banda fit-8.00p.m. Il-ġurnata tkun l-Erbgħa, 18 ta' Marzu.

## DĦUL FL-ISKOLA.

Is-Surmast ta' l-Iskola javża lill-ġenituri li għandhom lill-uliedhom biex jidħlu fil-Pre Kinder matul is-sena li ġejja 2009/2010, biex imorru jiktbuhom fl-iskola. It-Tfal iridu jkunu twieldu fis-sena 2006. Meħtieg li jkollhom ċertifikat tat-twelid tat-tifel/tifla u timtela' l-formula.

**Eżerċizzi għall-Professjonisti**

Il-Moviment Gradwati Għawdxin jistieden lill-Professjonisti kollha anke koppji, għal kors ta' Eżerċizzi tar-Randan mit-Tnejn 23 sal Ġimgħa 27 ta' Marzu fil-knisja ta' Santu Wistin, Victoria, fit-**8.30p.m**. Il-predikatur se jkun Patri Mark Montebello OP

**NIFIRĦULU**:

Nifirħu lis-Seminarista Trevor Sultana li nhar it-22 ta' Frar li għadda rċieva l-ministeru tal-Lettorat. Dan huwa pass ieħor fit-triq lejn is-saċerdozju.

Trevor Sultana bħalissa huwa assenjat biex igħin fil-parroċċa tagħna. Huwa qiegħed imexxi l-laqgħat tal-Grupp tal-Voklazzjonijiet u jieħu sehem fil-laqgħat ta' l-abbatini u anke jgħin fil-liturġija tal-quddiesa tas-Sibt u l-Ħadd.

Nitolbu għalih u għas-seminaristi kollha.

## KARITA' TAR-RANDAN.

Il-mixja tar-Radan tipproponhielna t-Talb, is-Sawn u l-Karita' bħala mezzi ta' tisfija spiritwali. Ta' kull sena d-Djoċesi tniedi kampanja ta' Karita matul ir-randan li fiha jin-ġabru flus u oġġetti oħra ta' l-ikel għal dawk li jkunu fil-bżonn. Mill-Uffiċċju tal-Caritas tal-Kurja jitqassmu diversi għotjiet ta' ikel lill-familji li jkunu fil-bżonn.

Għalhekk, min jixtieq jagħmel xi offerta ta' karita (flus jew oġġetti ta' l-ikel) jista jagħmilhom f'dawn il-ġranet fil-kannestri li jkun hemm fil-knisja.